MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2009

Numru. 267/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Versus**

**Wayne Scott Schembri**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Wayne Scott Schmebri ta' 19-il sena iben Ronald u Antoinette nee Xuereb imwieled tal-Pieta' fis-7 ta' Ottubru 1981 u jiqgħod 152 Our Lady of Sorrows Street, Pieta' detentur tal-karta tal-identita' 569481 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar il-21 t'Awwissu 2002 u fit-tliet xhur ta' qabel, ġol-HAmrun u fi bnadi oħra f'Malta f'ħinijiet differenti

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kintix ghall-uzu esklussiv tieghu.
(c) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta

ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Aggravju**

(d) Akkuzat ukoll talli kkommetta dawn ir-reati f'post, fi jew gewwa centru u jew f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom.

2. Il-Qorti ntalbet ukoll biex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, jkun applikat l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluz iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat 5694 tal-1981, il-fedina penali tal-imputat, l-istqarrija tiegħu a fol. 5, l-Ordni tal-Avukat Ġenerali a fol.8, ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario mifsud (ara referenza għal din ir-relazzjoni fil-proċess 408/04), il-proċes-verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Anthony Micallef Trigona bl-isem 'Xhieda Ġuramentata ta' Wayne Scott Schembri et fuq Traffikar u Pussess ta' Droga (31 t'Awwissu 2005), ir-rapport tal-Probation Officer (fol 43), u d-dokument maħruġ mill-Caritas lill-imputat immarkat WSS.

4. Semgħet ix-xhieda kollha bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Proekutur u tal-abbli Difensur.

6. Rat ukoll li a fol 26 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputat għandu jibbenefika mill-Artikolu 29 bi grad wieħed.

7. Rat li fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2009 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha.

8. Il-Qorti xorta fliet id-dokumenti u x-xhieda. Fost id-dokumenti importanti, il-Qorti wiżnet sew dak li hemm a fol 6 fejn f'parti mill-istqarrija tal-imputat huwa jgħid li s-seba' pakketti li sabu fuqu l-Puliżija kienu kemm għall-użu tiegħu kif ukoll sabiex ibiegħ xi pakkett jew tnejn. Huwa qal ukoll li kien ilu erba' snin jieħu l-eroina. Persuna li indika l-imputat kien xtara minn għandu fil-jum ta' qabel. Kien ilu jbiegħ l-eroina madwar xahar u nofs jew xahrejn. (Fol.6) Huwa kien ibiegħ l-eroina 'l hemm u 'l hawn fosthom ħdejn id-Detox.

9. Semgħet lis-Sur Karm Borg tal-Caritas jitkellem b'mod mill-aktar pożittiv dwar l-imputat.

10. Fliet bir-reqqa ir-rapport tal-Probation Officer. Minn dan jirriżulta li l-imputat kellu trobbija tajba u n-nies familjari jgħinuh. Huwa għamel programm u kompla jsegwih minkejja kull diffikulta' li nqalgħet. (Ara fol.10). **L-imputat huwa Kattoliku prattikanti u għalhekk żgur li jista' jifhem li ma jistax ikompli fil-ħajja tad-droga għax ma tistax tpoġġi ħajtek jew ħajjet ħadd ieħor fil-perikolu għaliex dan imur manifestament kontra l-ħames Kmandament.** Fil-fatt programm għall-kura kontra d-droga għandu ħafna aktar ċans li jkun suċċess jekk fih xi forma ta' dimensjoni fejn wieħed ikun jaf x'inhuma valuri – imqar jekk dawn huma valuri umani biss- u jipprattikahom.

11. L-imputat ammetta dawn l-imputazzjonijiet u għalhekk teknikament dawn huma ppruvati skond il-Liġi.

**Konklużjoni**

12. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-

artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) u 29 tal-Kap 101 issib lil-imputat ħati tal-imputazzjonijiet (inkluż l-aggravju mmarkat d) kollha dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni u t-tielet imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel waħda.

13. Dwar il-piena, il-Qorti qieset li l-imputat għamel programm fi żmien meta kellu problemi kbar u baqa' jsegwieh. Huwa għandu jgawdi wkoll talli għen il-Pulizija fi grad wieħed għalkemm il-Qorti trid tikkonsidra wkoll l-aggravju tad-distanza.

14. Għalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal sitt xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €467 liema multa tista' titħallas b'rata ta' €50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

15. Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għaliex diġa' applikatu dwar l-istess relazzjoni fil-proċess 408/04.

16.Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

17. Il-Qorti qed tirrakkommanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabeix jieħu l-passi li jidhrilu li għandu jieħu sabiex l-imputat ma jitlifx dak li rebaħ fil-programm.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------